**17 ta' Marzu, 1958**
**Imħallfin:—**
**Is-S.T.O. Prof. Dr. A. J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D., President;**
**Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**
**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Robert Borg Olivier et. ne.
*versus*
Lawrence Farrugia, M.B.E. et. ne.

**Assoċjazzjonijiet — "Malta Football Association" — Ġurisdizzjoni.**

*Assoċjazzjonijiet bħal ma hija l-"Malta Football Association" jikko-eżistu in kwantu l-assoċjati jagħmlu bejniethom patt soċjali, sew meta jiġu furmati, sew meta jkunu ġa furmati u jammettu membri oħra, li bih huma vinkolati s-soċi kollha għall-eżistenza tal-istess assoċjazzjonijiet ta' din in-natura u karatteristika, kif ukoll għall-aħjar eżerċizzju u operazzjoni tagħhom. U r-regolamenti, regoli, eċċ. li l-assoċjati jiffurmaw jew le, skond il-każ, u jaderixxu għalihom, huma liġi bejniethom.*

*In kwantu għall-interpretazzjoni tal-istess regolamenti, dawn għandhom jiġu kunsidrati fil-kumpless tagħhom u fl-isfond tar-raġuni tal-formazzjoni tal-assoċjazzjoni.*

*Ir-Regolamenti li jiggovernaw il-"Malta Football Association", rettament interpretati, ma jagħtux lill-"Council" ta' dik l-"Association", il-ġurisdizzjoni li tieħu ebda passi jew azzjoni kontra s-soċjetajiet affiljati jew kontra membri u partitarji tal-istess soċjetajiet, meta dawn l-istess soċjetajiet jew membri u partitarji tagħhom iġibu ruħhom ħażin u jonqsu mir-rispett versu membri tal-Kunsill ta' dik l-"Association" meta dawn ikunu jinstabu fi triq publika.*

Il-Qorti; Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biha l-atturi nomine ppremettew illi l-konvenuti nomine ppretendew li għandhom id-dritt jiċċitaw lis-soċjetà attriċi sabiex tidde-

fendi ruħha kontra akkuża li fit-trieq publika ċerti nies li, kif allegat, kienu partitarji tal-istess soċjetà, suppost li nsultaw, ġiebu ruħhom ħażin u ma rrispettawx lil ċerti uffiċjali tal-enti konvenut; li anki jekk jiġi pruvat li l-fatti allegati avveraw ruħhom verament, u li l-ħatjin huma membri tas-soċjetà attriċi, kull azzjoni relativa da parti tal-konvenuti hija *"ultra vires", billi teżorbita mill-awtorità* konferita skond ir-regolamenti magħrufa bħala "Rules of the Malta Football Association", u l-istess fatti, kif ammess, ġraw f'lokalità fejn u meta l-enti konvenut ma jippossjedix ġurisdizzjoni, sija fuq is-soċjetajiet għalieh aggregati, kemm fuq il-membri u partitarji tal-istess soċjetajiet; talbu li, prevja d-dikjarazzjoni li l-azzjoni proposta mill-konvenuti bl-ittra tagħhom tas-27 ta' Settembru 1957 (dok. "A") hija "ultra vires", u għalhekk nulla u insostenibbli, jiġi deċiż li l-Kunsill tal-Malta Football Association u l-istess Assoċjazzjoni, skond ir-Regolamenti li jirregolaw r-relazzjonijiet bejnu u bejn is-soċjetajiet miegħu affiljati, ma jippossjedi ebda ġurisdizzjoni, u konsegwentement ma jistgħax jieħu ebda azzjoni kontra soċjetajiet *affiljali u/jew* kontra membri u partitarji tal-istess soċjetajiet, meta dawn is-soċjetajiet jew membri u partitarji tagħhom iġibu ruħhom ħażin u jonqsu mir-rispett versu membri tal-istess Kunsill meta dawn ikunu jinstabu fi trieq publika; salva naturalment kull azzjoni proponibbli personalment minn kull wieħed mill-konvenuti. Bl-ispejjeż;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, li biha qalu li, (1) in linea preliminari, il-ġudizzju mhux integru, peress li ma ġewx imħarrka l-membri kollha tal-Kunsill tal-Malta Football Association, (2) fil-meritu, id-domanda attriċi hija infondata, kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt, peress *li l-azzjoni meħuda mill-imsemmi Kunsill* kontra s-soċjetà attriċi hija in konformità mar-Regolamenti tal-imsemmija Assoċjazzjoni u "intra vires";

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-30 ta' Novembru 1957, li biha ġiet deċiża l-eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti nomine, u ġiet miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess konvenuti;

Rat id-deċiżjoni l-oħra ta' dik il-Qorti tal-14 ta' Diċembru 1957, li biha ddikjarat li l-azzjoni proposta mill-konvenuti nomine bl-ittra tas-27 ta' Settembru 1957 kienet "ultra vires", u ddeċidiet adeżivament għat-talba attriċi; bl-ispejjeż kontra l-konvenuti nomine; billi dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi l-kwistjoni li ġiebu l-quddiem l-autturi nomine hija li l-Kunsill tal-Malta Football Association, u, bħala li dan jiggoverna dik l-Association, l-istess Association, skond ir-regolamenti tagħha, ma għandhiex ebda ġurisdizzjoni, u in konsegwenza ma tista' tieħu ebda passi jew azzjoni, sew kontra s-soċjetajiet affiljati u/jew sew kontra membri u partitarji tal-istess soċjetajiet, meta dawn l-istess soċjetajiet jew membri u partitarji tagħhom iġibu ruħhom ħażin u jonqsu mir-rispett versu membri tal-Kunsill, meta dawn ikunu jinstabu fi trieq publika; għal liema pretensjoni l-konvenuti nomine opponew ruħhom, billi jaffermaw li keilhom dak l-istess dritt in forza tal-istess Regolamenti tal-M.F.A.;

Ikkunsidrat;

Illi jingħad qabel xejn, in teżi ġenerali, li ma għandux jiġi minsi l-fatt li assoċjazzjonijiet bħal din tal-M.F.A. jikkoeżistu in kwantu l-assoċjati jagħmlu bejniethom patt soċjali, sew meta jiġu furmati sew meta jkunu ġa furmati u jammettu membri oħra, li bih huma vinkolati s-soċi kollha għall-eżistenza tal-istess assoċjazzjonijiet ta' din in-natura u karatteristika, kif ukoll għall-aħjar eżerċizzju u operazzjoni tagħhom. Ir-regolamenti, regoli, eċċ., li l-assoċjati jiffurmaw jew le, skond il-każ, u jaderixxu għalihom, huma liġi bejniethom. Jekk, kwindi, dawn ir-regoli, regolamenti, "bye-laws", li jkunu jivvinkolaw l-assoċjati mhumiex limitati fl-ispazju, skond il-prinċipji ġenerali ġuridiċi, l-istess jibqgħu vinkolanti għal min ikun assoġġetta ruħu għalihom volontarjament bl-ammissjoni f'dik l-assoċjazzjoni;

Illi, stabbilit dan il-prinċipju fuq premess, jiġi kunsidrat ukoll li r-regolamenti ta' kwalunkwe assoċjazzjoni tan-natura fuq speċifikata, u kwindi anki dawk tal-M.F.A.,

bħal l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi pożivita, iridu jiġu, għall-aħjar ermenewtika tagħhom, kunsidrati fil-kumpless tagħhom u fl-isfond tar-raġuni tal-formazzjoni tal-istess assoċjazzjoni. Infatti, il-konkordanza tal-istess regolamenti, skond il-liġi naturali u ġuridika, issaħħaħ ir-raġuni tal-liġi formulata għall-eżistenza tal-assoċjazzjoni u l-iskop li għalieh hija tkun ġiet furmata;

Ikkunsidrat;

Illi huwa tajjeb li jingħad, wara l-premessi fuq magħmula, li l-Qorti hija mill-provi soddisfatta mill-fatt li, meta Dr. Maurice Decesare, li allura kien "nominated council member" ta' wieħed mill-clubs affiljati mal-M.F.A., u kien fl-istess ħin jokkupa l-kariga ta' Viċi-President tal-Kunsill, ħareġ mis-sede tal-M.F.A., wara seduta fejn kien ġie determinat li l-club tal-football tal-Belt kellu jiġi mmultat £15, waqt li kien fuq it-Trieq Santa Lucia kantuniera ma' Trieq Rjali, ġie nsultat u nġurjat mill-folla, li fostha kien hemm ħafna partiparji tal-istess V.F.C. Fost dik il-folla kien hemm ukoll l-atturi Emmanuele Calleja u Robert Borg Olivier; però ma rriżultax li dawn l-aħħar żewġ persuni msemmija wrew xi mġieba ħażina, kif ġie affermat mill-istess Dr. Decesare u Eugenio Bonello dwar l-attur Calleja, u kif dan l-aħħar afferma dwar l-attur l-ieħor fuq imsemmi, u in segwitu afferma l-istess Borg Olivier bil-ġurament. Dr. Decesare fix-xhieda tiegħu ma kkwalifikax il-komponenti ta' dik il-folla bħala li kienu membri tal-V.F.C., imma qal li kienu partitarji ta' dak il-club; u l-attur Calleja, meta xehed, qal li, għalkemm ma għaraf lil ħadd in partikulari, fost dawk in-nies miġbura kien hemm partitarji tat-"team" tal-Belt; u kompla jgħid, għall-ewwel li kien jaħseb li ma kienux membri tal-club, u kważi immedjatament wara din l-affermazzjoni reġa' tenna li huwa ma kienx jaf li kien hemm membri tal-club tal-Belt f'dik l-istess folla;

Ikkunsidrat;

Illi, stabbilit mill-provi dan li ġa ntqal fil-paragrafu preċedenti, din il-Qorti sejra tgħaddi biex teżamina s-sotto-

missjonijiet li ġew "hinc inde" magħmula mill-avukati tal-kontendenti;

Illi ntqal mill-konvenuti li l-atturi kienu qegħdin jikkontestaw lill-Kunsill, li jiggverna l-M.F.A., id-dritt li joħroġ "charge" kontra club (qiegħed jissemma club biss l-għaliex il-kwistjoni tirrigwarda din l-assoċjazzjoni). Dan, però, ma hux eżatt. Infatti, ma jistgħax jiġi dubitat li l-atturi mhumiex qegħdin isostnu li l-Kunsill governanti l-Assoċjazzjoni ma jistgħax joħroġ "charge" kontra club, imma li l-Kunsill ma setgħax joħroġ "dak" iċ-"charge" partikulari, għaliex il-fatt ġara fi trieq publika, u fuq l-istess trieqat publiċi fil-każ sottomess il-Kunsill u l-M.F.A. ma għandhomx ġurisdizzjoni skond ir-Regolamenti. Kien ikun illoġiku għall-atturi jsostnu t-teżi li qegħedulhom f'ħalqhom il-konvenuti di fronti għad-dispost ċar tal-art. 46 para. 4 (paġ. 78) tar-Regolamenti. Hawn ta' min josserva wkoll li l-Kunsill, meta jasal biex jiddetermina ruħu li joħroġ "charge" kontra club, huwa, oltre li jkun iddeċieda li l-fatt kwerelat ikun jimmerita investigazzjoni, bħala li jkun jidher li jmur kontra r-regoli, regolamenti, "bye-laws", jew ikun jidher li jista' jikkostitwixxi "misconduct", ikun qiegħed jaqta' wkoll li l-istess fatt ikun jidħol fl-orbita ġurisdizzjonali tiegħu; u jekk il-club akkużat, avżat bil-miktub mis-segretarju tal-istess Kunsill, u minnu notifikat mhux anqas minn 24 siegħa qabel il-jum u ħin fissati għall-komparizzjoni, ma jidherx, jista' jiġi kundannat "in contumacia";

Issa, fil-każ in diżamina, meta l-V.F.C. bl-ittra tas-27 ta' Settembru 1957 in risposta għall-akkuża tal-istess data maħruġa mill-Kunsill tal-M.F.A., irripudja r-responsabilità tiegħu dwar l-akkadut u l-akkuża ta' "misbehaviour and disrespect of supporters towards officials and members of the Council on Tuesday 10th. September, 1957", u kkontenda li l-azzjoni tal-istess Kunsill kienet "ultra vires" l-għaliex ma kienx hemm ebda każ, u talab il-permess, in forza tas-sezzjoni 17, biex iġib il-quddiem dik il-kontestazzjoni tiegħu quddiem il-Qrati Ċivili (liema permess ġie lilu akkordat bl-ittra tal-Kunsill tal-4 ta' Ottubru 1957), huwa ma kienx ħlief qiegħed isostni għal min kien jaf il-fatt kwe-

relat biċ-ċirkustanza tal-post fejn sar, kif ma setgħax, fuq ir-rapport ta' Dr. Decesare, ma jkunx a konjizzjoni tal-Kunsill, li ma kienx jeżisti każ skond il-patti soċjali, li għalieh il-Kunsill seta' jiddetermina ruħu li jieħu l-azzjoni li fil-fatt ħa fil-każ partikulari menzjonat, u mhux ġa li l-Kunsill, fl-orbita tar-Regolamenti u anki ambitu ġurisdizzjonali tiegħu, ma għandux dritt jagħmel akkuża kontra club. Del resto, il-Kunsill seta', skond l-art. 17 fuq imsemmi, ma akkordax dak il-permess lill-V.F.C., u f'din l-ipotesi kien ikollu operazzjoni l-art. 46 para. 4 tar-Regolamenti, skond il-patti soċjali, u l-Kunsill kien jgħaddi l-quddiem biex jiddirimi l-kwistjonijiet kollha li setgħu nsorġew jew twieldu mid-determinazzjoni tiegħu li joħroġ dik l-akkuża kontra l-V.F.C.;

Illi, in konsegwenza wkoll ta' dak li ntqal fuq, b'dak il-permess il-Kunsill impliċitament u virtwalment ġie jirrimetti ruħu għall-eżami tal-kwistjoni sollevata u nsorta, u d-determinazzjoni tagħha lil din il-Qorti; u b'hekk il-partijiet interessati fiha ġew idderogaw, għal din il-kwistjoni partikulari, għall-art. 46 para. 4 tar-Regolamenti tal-M.F.A.;

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenuti sostnew fit-trattazzjoni tal-kawża li huma qegħdin jibbażaw id-dritt tagħhom fuq ir-Regolament 46 para. 4 tar-Regolamenti tal-M.F.A. Dan l-artikolu u paragrafu ċitat jikkontjeni u jikkontempla s-sanzjonijiet għal kwalunkwe vjolazzjonijiet tal-liġijiet tal-logħob tal-ballun, tar-regoli, regolamenti, u l-"bye-laws" tal-M.F.A., jew għal kwalunkwe mġieba ħażina ("misconduct") mill-parti tal-club, player, "official" jew "member". Infatti, intqal li, meta fl-art. 46 para. 1 tar-Regolamenti tal-M.F.A. ġie dispost li kwalunkwe assoċjazzjoni, club, player jew membru, jinstabu ħatja (barra minn għal każijiet oħrajn) għall-każ "of any misconduct", billi fl-istess artikolu l-kelma "any" hija komprensiva, u mhux restrittiva, u billi ma hemmx, f'dak l-istess artikolu u paragrafu, fissazzjoni ta' ebda limiti fl-ispazju tas-setgħa tal-Kunsill, l-azzjoni mpu-

tata lill-V.F.C. taqa' taħt il-poteri ta' dak l-istess korp, li jiggoverna l-M.F.A.;

Din il-Qorti, però, mhix disposta taċċetta din l-interpretazzjoni, għal raġunijiet ta' indoli diversa. Infatti, meta tiġi formulata liġi, huwa prinċipju san u loġiku ġuridikament li jiġi affermat li l-klawsoli li jikkontjenu sanzjonijiet għall-vjolazzjonijiet ta' azzjonijiet u ommisjonijiet, ma humiex intiżi biex jikkreaw vjolazzjonijiet ġodda, imma pjuttost biex jipprovdu b'sanzjoni għal dawk l-atti jew ommissjonijiet li jkunu ġew kontemplati fil-korp tal-liġi u li jkunu ntiżi biex jipprovdu b'piena għal dak li jrid jiġi prevenut. Li l-klawsola, jew aħjar sezzjoni, tal-art. 46 para. 1 tar-Regolamenti tal-M.F.A., hija klawsola ta' sanzjoni, u mhux ta' osservanza jew projbizzjoni, jidher ċar mill-kliem adoperat, u in parti mill-ordni fejn hija qegħda wara l-art. 43 u 45, li jikkontemplaw każijiet ta' "misconduct". Kwindi, il-kelma "any" quddiem il-kelma "misconduct", bħal l-istess kelma wżata fl-istess paragrafu quddiem il-kelma "violations", għandhom loġikament u naturalment jifthemu bħal riferenza għal dak li huwa nuqqas stabbilit fir-Regolamenti u liġijiet tal-logħob, u mhux jestendu ruħhom oltre dawk il-kawżi għal nuqqasijiet oħra mhux menzjonati fil-korp tal-Istatut. Huwa ta' min josserva wkoll li fir-Regolamenti tal-M.F.A., sparsi l-hawn u l-hemm, ġew kontemplati azzjonijiet jew ommissjonijiet ta' clubs kwalifikati bħala "misconduct". Minn natura tagħhom jidher il-poter tal-Kunsill li jissanzjonahom; x'uħud minnhom kemm il-darba jsiru f'kamp limitat, u oħrajn bla dik il-limitazzjoni jekk isiru kullimkien;

Sakemm setgħet tara din il-Qorti mir-Regolamenti, il-każi ta' "misconduct" li jirrigwardaw il-clubs (l-għaliex ma hemmx għalfejn nitkellmu fuq persuni u assoċjazzjonijiet oħra, l-għaliex ma jirrigwardawx din il-kawża) huma mdaħħla fl-art. 43, 45 u 46 para. 8 (l-aħħar paragrafu), kif ukoll fir-Regolamenti konċernenti l-finanzi tal-clubs (Regt. 6). L-art. 43 jikkwalifika bħala "misconduct" l-aġir ta' kwalunkwe club li jinkoraġġixxi jew jistiga xi player, li ikun magħżul biex jieħu parti f'xi partita organizzata mill-M.F.A., biex jogħod għal/jew biex jonqos mill-istruzzjonijiet u regoli mposti mill-Kunsill; liema mġieba ħażina

mhix limitata dwar il-poteri tal-Kunsill li jissanzjonaha għall-ebda spazju partikulari, u kwindi, issir fejn issir, il-club li jkun ivvjolaha jibqa' responsabbli għaliha skond il-patti soċjali. L-istess ħaġa jingħad għal ħafna mill-"misconducts" kwalifikati fl-art. 45, bħal ma huma l-każi (a) li l-club joffri, sew direttament sew indirettament, xi flus jew kumpens ieħor ("or other consideration") lil xi club ieħor, player jew players tiegħu, jew tal-istess club ieħor, sabiex tkun użata nfluwenza ndebita f'partita, (b) is-semplici aċċettazzjoni "per sè", mill-parti tal-club, ta' kumpens bħal ma fuq intqal għall-istess skop, (ċ) l-offerta ta' xi kumpens kwalunkwe, sew direttament sew indirettament, lil club ieħor sabiex jirtira minn xi kompetizzjoni, u anki s-sempliċi aċċettazzjoni "per sè" ta' kumpens għall-istess skop, (d) arranġament minn qabel dwar kif għandu jkun ir-riżultat ta' partita kompetitiva. L-istess art. 45 jirrendi wkoll kull assoċjazzjoni jew club responsabbli versu l-Kunsill għall-azzjoni tal-players u "officials" tiegħu (u mhux għas-"supporters" u membri tal-club), u għandu jara li jittieħdu l-prekawzjonijiet meħtieġa biex ma jħallix li l-ispettaturi jheddu jew jassaltaw "officials" u players waqt u meta tikkonkludi ruħha partita; liema l-aħħar "requirement" huwa ċertament limitat għall-ispazju fejn isiru l-partiti u fejn l-istess jikkonkludu ruħhom, apparti li l-miżurazzjoni tal-prekawzjonijiet neċessarji hija aktarx diffiċli. L-art. 46 l-aħħar paragrafu, u Regt. 6 tar-"Regulations as to Clubs' Finances", jikkunsidraw bħala "misconduct" ommissjonijiet li jirrigwardaw ksur tar-regolamenti interni tal-M.F.A., li ma jesplikawx ruħhom fl-ispazju, imma jikkonsistu biss f'sempliċi non-osservanza ta' obligi mposti;

Illi minn dan li ntqal, kwindi, għall-vjolazzjonijiet kwalifikati bħala "misconduct" li jistgħu jkunu responsabbli għalihom il-clubs, xi wħud minnhom huma persegwibbli mill-Kunsill indipendentement mill-lokalità fejn jissuċċiedu, u oħrajn huma limitati għall-ispazju, u limitati għall-postijiet fejn fil-fatt javvjenu;

**Ikkunsidrat;**

**Illi ma** jidher fl-ebda parti mir-Regolamenti li hemm

kontemplat il-każ ta' inġurji jew insolenzi lil xi membru tal-Kunsill kommessi mis-"supporters", jew anki minn membri tal-clubs, li huma kwalifikati bħala "misconduct" li għaliha l-clubs huma responsabbli lill-istess Kunsill tal-M.F.A.; u fin-nuqqas ta' dan ir-regolament, "a fortiori" l-clubs ma jistgħux ikunu tenuti jekk dik l-imġieba ħażina ssir fit-triq publika, fejn il-protezzjoni tal-membri tal-Kunsill bħala ċittadini, skond id-Dritt Publiku, hija fdata lid-driegħ tiegħu, li hija l-Pulizija. Il-kliem tal-art. 46 para. 1 "or of any misconduct", għar-raġunijiet li ntqalu fuq, ma jirrendux lill-clubs responsabbli għall-azzjoni ta' mġieba ħażina kontra membri tal-Kunsill da parti tas-"supporters tagħhom, jew anki tal-"members" tagħhom, fin-nuqqas ta' dispost "ad hoc" fir-Regolamenti;

Illi, in konsegwenza, it-talba attriċi hija ġustifikata;

Rat. fol. 57 in-nota tal-appell miż-żewġ sentenzi, tal-konvenuti nomine, u fol. 58 il-petizzjoni tagħhom, li biha rrestrinġew l-appell għas-sentenza tal-14 ta' Diċembru 1957, u talbu li tiġi revokata, u li t-talbiet tal-atturi jiġu riġettati; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Il-fatti tal-każ, jirriżultaw mill-korp tas-sentenza fuq imsemmija tat-30 ta' Novembru 1957;

Il-gravami huma, sostanzjalment, tnejn;

L-ewwel wieħed hu dak li l-Qorti tal-Ewwel Istanza kellha tiddeċidi biss jekk il-Kunsill tal-Malta Football Association kellux jew le d-dritt li joħroġ iċ-"charge" fol. 6, u li konsegwentement ma kellhiex tiddeċidi, kif għamlet, il-meritu ta' dak iċ-"charge". Il-konvenuti jsostnu, għalhekk, li dik il-Qorti kien imissha llimitat l-eżami tagħha għall-pont jekk il-konvenuti nomine kellhomx id-dritt li jieħdu konjizzjoni tar-rapport li sar kontra l-atturi nomine. Jekk kellhom dan id-dritt, allura mhux il-Qorti, imma l-Kunsill kien jiddeċidi jekk il-fatt rapportat kienx wieħed minn

dawk *li l-Kunsill kien intitolat jirreprimi*; u f'każ affermattiv, jekk l-atturi nomine kienux jew le responsabbli ta' dak *il-fatt. Żiedu jgħidu li l-permess għall-proċeduri legali li* l-Kunsill ta lill-atturi kien limitat għal daqshekk u mhux aktar;

Issa, dan il-gravam ma hux aċċettabbli. L-Ewwel Qorti ddeċidiet fil-limiti tad-domanda kontenuta fiċ-ċitazzjoni, kif għandha tagħmel. Anki jekk, kif jgħidu l-konvenuti nomine, il-permess fol. 8 hu limitat, u jekk, kif *komplew isostnu, l-atturi ħarġu mill-limiti tiegħu fiċ-ċitazzjoni* li għamlu, dan jista', se maj, iġib biss għall-konsegwenza dixxiplinari li tinsab kontemplata espressament fittieni paragrafu tar-regolament nru. 17 tar-"Rules" talimsemmija "Association". Dak is-suppost eċċess tal-atturi nomine qatt ma seta' jġib il-konsegwenza li jippriva lillistess atturi milli jirrikorru lill-Qrati tal-Ġustizzja bid-dritt li għandu kull ċittadin in forza tal-massima "ubi jus ibi remedium". Del resto, lanqas hu eżatt li jingħad li l-permess kien limitat. Kif lanqas hu korrett li jingħad li l-konvenuti *nomine kienu għadhom iridu jiddeċiedu jekk il-fatt kienx* tali li jidħol fil-ġurisdizzjoni tal-Kunsill. It-termini taddokument fol. 6 huma tali li neċessarjament jimpurtaw li l-Kunsill kien qiegħed jafferma l-ġurisdizzjoni tiegħu, altrimenti ma kienx *ikollu* d-dritt *li* jinterpella *lill-atturi nomine* biex jidhru quddiemu, bil-possibbli konsegwenza, dippjù, tal-effetti tal-kontumaċja, kif ipotizzata fir-raba' paragrafu tar-regolament nru. 46 tar-"Rules" fuq imsemmija. Fl-ittra tagħhom fol. 7 l-atturi nomine qalu ċar:— "We consider that the Council is acting 'ultra vires', and we, therefore, do not intend to defend the case, as we contend that a case does not exist. In order to prove our contention, we request permission to submit the matter to H.M. Civil Court". *Ir-risposta tal-konvenuti nomine fol. 8 ikkonċediet lill-atturi* l-permess "......to contest the Council's right to charge your club for misbehaviour of supporters as issued on September 27th., 1957, in H.M. Court". U preċiżament l-atturi nomine fiċ-ċitazzjoni talbu deklaratorja ta' difett ta' ġurisdizzjoni tal-Kunsill li *jieħdu konjizzjoni tal-fatti* rapportati. Kien loġiku li, biex jiġi aċċertat il-pont tal-ġurisdizzjoni, jiġu mill-Qorti appurati l-fatti tal-każ; għaliex il-kwistjoni

ma kienetx astratta u akkademika, imma kienet korrelatata għal dak il-fatt in ispeċje;

Ikkunsidrat, dwar it-tieni gravam;

Dan jirrigwarda r-regolament 46 tar-"Rules". Il-konvenuti nomine jippretendu li l-kliem "any misconduct" jagħtu lill-Kunsill id-dritt li jiġġudika l-fatt in kwistjoni. Dan il-gravam ma hux aċċettabbli, għaliex, fl-inkwadratura ta' dawn ir-"Rules", il-kelma "misconduct" ma għandhiex sens ġeneriku, imma hi riferibbli għal xi "offence" partikulari speċifikament imsemmija fl-istess "Rules". Dan jidher, per eżempju, mill-każ imsemmi fir-rule 46 u middiversi każijiet imsemmijin fir-regolament immedjatament preċedenti għal dak in kwistjoni, ċjoè r-reg. 45. Hu, għalhekk, evidenti li fis-sistema ta' dawn ir-"Rules" "misconduct" hija kostitwita b'"offence" partikolarment kreata u speċifikata. Għalhekk, meta min irrediġa dawk ir-"Rules" ġie biex jistabbilixxi s-sanzjoni, hu kkontempla żewġ xorta ta' "offences", (1) il-vjolazzjonijiet tar-"Rules", "regulations" u "bye-laws", u (2) l-każijiet ta' "misconduct" speċifikati fir--Rules". Għalhekk ma nħassetx in-neċessità li tiġi użata l-kelma "other" wara l-kelma "any", li kien ikun il-każ li tiġi użata kieku r-redatturi tar-"Rules" riedu jirriferixxu għal xi "offences" in ġenere; apparti li dan kien imur kontra l-prinċipju ta' dritt li ħadd ma jista' jiġi penalizzat għall-ħtija li ma hix kontemplata;

Hu forsi ta' min jirrileva li, fejn il-Council ried jestendi l-ġurisdizzjoni tiegħu kwantu għall-lokalità, u sabiex jolqot mhux biss il-players u l-"officials" ta' club, imma anki l-preżunti partitarji tal-club taħt forma ta' "spectators", dan ingħad espressament fir-reg. 45, fejn, "inter alia", lil kull club ġie mpost id-dover li jieħu kull prekawzjoni biex jimpedixxi lil li "spectators" milli jheddu jew jaggredixxu "officials" waqt jew wara partita football;

Jista' talvolta jingħad li skond ir-reg. 27 il-Kunsill hu l-uniku awtorità kompetenti għall-interpretazzjoni tar-"Rules". Iżda kull obbjezzjoni simili hi superata bir-rifless

li dak ir-regolament jopera sakemm il-każ ma jiġix sottomess għad-deċiżjoni tal-Awtorità Ġudizzjarja;

Għal dawn ir-raġunijiet, u għal dawk tal-Ewwel Qorti;

Tiddeċidi;

Billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti nomine appellanti.